# Lill-Bufula ta' fuq iż-Żuntier

Maurice Mifsud Bonnici

Kemm nithenna ta' kuljum nisimgħek,

Bufula ċkejkna tgħanni ġrajjietek
Moħbija fiż-żnuber ta' żuntier il-maqdes,
U t-talba tiegħek nistor ġo qalbi
U noffriha lil Alla hemm jistennieni
Ta' kull filgħodu f'tas-santwarju l-ħemda–
Talba bla niket li ħierġa minn qalbek,
Nixtieqha tkun talbi, nixtieqha tkun hekk;
Għax int taf tferraħ lil Alla ferm iktar
Milli jien nista' nferrħu bl-għanja tal-krib.

Jien l-għana tal-anġli nisimgħu minn fommok
Bħad-dmija li tnixxi minn qlub il-ġwejdin;
Hekk in-nixxiegħa, hekk tgħanni fi triqtha,
'Mma taħtha jkarwat iċ-ċagħaq kollu mnikket
Jomgħod l-ixtarra ta' kemm ħass tiżrid.

Hekk talbi, bufula, ma' din in-nixxiegħa
Lil Alla noffrilu l-għana ta' qalbek,
Iżda magħha lleffef taċ-ċagħaq it-tkarwit.